MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru. 1112/2007

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Paul Vassallo]**

**vs**

**Michael Mizzi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Mizzi detentur tal-karta tal-identita` numru 143050(M).

Akkuzat talli f’Gunju 2002, u/jew fix-xhur ta’ qabel, fl-Imsida u/jew f’positijiet ohra f’dawn il-Gzejjer:
1. Wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-

persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; u

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f’xi parkolarita` sostanzjali f’xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir b’Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta’ Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical license*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-ogetti kollha esebiti.

Il-Qorti finalment giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rart l-Artikoli 121A(1), 184, 185, 186, 18 u 188 tal-Kap. 9 u Artikolu 76 tal-Kap. 352, qed issib lill-imputat Michael Mizzi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah mill-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor zmien tlett snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------